# Programm

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **Innu Pontificio** | Mro Charles Gounod |
| Innu | **Lil Santa Marija Assunta** | Sur Joseph Farrugia<br>(Versi Sur Joseph Farrugia) |
| Innu | **O Sbejħa Santa Marija** | Mro Anthony Camilleri<br>(Versi Sur Stefano Farrugia) |
| Innu | **Lil Marija Mtellgħa s-Sema** | Mro George Martin<br>(Versi Patri J.M. Ghigo SJ) |
| Innu | **Lil Santa Marija** | Mro David Agius<br>(Versi Sur Patrick Mallia) |
| Oratorju | **Bukkett ta' Mitt warda lil Santa Marija** | Mro David Agius<br>(Versi Chev Carmel Bianchi) |

# Innu lil Santa Marija

Mużika u Lirika: Joseph Farrugia

Int kont dejjem fil-ħsieb tal-kbir Alla
Lilek għażel minn fost il-bnedmin,
Kellek tkun tempju safi għal Ibnu
Għalhekk ogħla minn kemm qaddisin.

Minn Alla mogħnija bil-milja tal-grazzja
Ta' safa', ta' mħabba, ta' tjieba, ta' sliem,
Imnissla bla tebgħa; meħlusa mill-ħtija
Mill-bidu tal-ħajja għal dejjem sat-tmiem.

U ġejt fostna Marija bi ġmielek
Kewkba mdawwla fid-dalma tal-lej',
Mela Int iva għedt lill-Arkanġlu
Tajtna 'l-Ibnek li kien il-Feddej.

Int tlajt o Marija fejn Ibnek fis-sema
Sabiħa, glorjuża, bil-ġisem u r-ruħ,
Fost ferħ u kant helu tal-anġli qaddejja
Fuq tron tal-qdusija mill-verġni merfugħ.

Ibqa' magħna omm tagħna Marija,
Żommna bħalek meħlusa mid-dnub.
Meta qrib tkun is-siegħa ta' mewtna,
Hudna miegħek ħdejn Kristu maħbub.

Marija Assunta! Int l-għaxqa tal-Għoli
Reġina tal-anġli, omm tagħna l-bnedmin.
Tifħir, ġieħ u glorja lil Ommna tas-Sema
Minn qalbna lkoll nagħtu ta' wliedha Mqabbin.



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com